# MISTOQSIJIET FREKWENTI

## REGOLAMENTI DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-MATERNITÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL, L.S.424.11

2022



AWTORITÀ
GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ
FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL
ohsa.mt

# INTRODUZZJONI

Is-suġġett tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol f'Malta hu regolat bl-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta (minn issa 'l quddiem imsejjaħ bħala "l-Att"). Minn dan l-Att joħorġu numru ta' regolamenti sussidjarji li jirregolaw diversi setturi, gruppi ta' ħaddiema, perikli speċifiċi u aspetti ta' natura ġenerika.

Is-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddiema tqal, ta' dawk li jkunu qed ireddgħu tarbija, jew tat-tarbija mhux imwielda huma regolati b'mod speċifiku mir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Maternità fuq il-Post tax-Xogħol, Leġislazzjoni Sussidjarja 424.11, (minn issa 'l quddiem imsejjħa "ir-Regolamenti tal-Maternità"), liema regolamenti jirriflettu l-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 92/85/KEE. Ir-Regolamenti tal-Maternità jintroduċu diversi miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni bl-għan ewlieni li jipproteġu lill-persuna u lit-tarbija tagħha.



Fir-Regolamenti nsibu wkoll żewġ skedi. L-ewwel Skeda tinkorpora fiha lista ta' xi aġenti li dwarhom għandha ssir evalwazzjoni tar-riskju. It-tieni Skeda tinkorpora lista ta' xi aġenti li dwarhom mara tqila u mara li tkun qed tradda' tarbija ma jistgħux ikunu esposti għalihom. Din l-iSkeda tinqasam f'żewġ taqsimijiet. Taqsima A tikkonċerna l-mara tqila u Taqsima B tikkonċerna mara li tkun qed tradda' tarbija.

Minkejja li l-aspett tal-maternità hu ndirzzat b'mod speċifiku mir-Regolamenti tal-Maternità, dan ma jfissirx li m'hemmx iktar regolamenti li japplikaw għall-persuni li huma tqal, ommijiet, jew li qed ireddgħu tarbija. Hemm diversi obbligi legali u miżuri mifruxin fl-Att u fir-regolamenti sussidjarji li huma applikabbli għall-ħaddiema kollha inkluż dawk li huma tqal, ommijiet jew dawk li jkunu qed ireddgħu tarbija. Filfatt, ir-Regolamenti tal-Maternità jagħmlu wkoll referenza għar-Regolamenti relatati mal-Espożizzjoni għal Aġenti Bijoloġiċi fuq il-Post tax-Xogħol, L.S.424.25.

Ir-Regolamenti tal-Maternità jindirizzaw ukoll ċertu aspetti bħal per eżempju x-xogħol li jsir bil-lejl, li huma kkomplimentati mir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impjieg), Leġislazzjoni Sussidjarja numru 452.91 maħruġa taħt l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kapitolu 453 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, fejn jidħlu kundizzjonijiet tax-xogħol hu mportanti ħafna li ssir referenza għar-regolamenti maħruġin taħt l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali b'mod partikolari għal Leġislazzjoni Sussidjarja numru 452.91.

Ir-regolamenti jistgħu jiġu aċċessati mis-sit elettroniku: https://legislation.mt/Legislation f'verżjoni bil-Mati kif ukoll bl-Ingliż.



# MISTOQSIJIET FREKWENTI

## Liema huma l-ħaddiema li jaqgħu taħt il-protezzjoni tar-Regolamenti?

Ir-Regolamenti tal-Maternità jipprovdu protezzjoni lil tlett gruppi speċifiċi ta' ħaddiema. Dawn huma nisa tqal, dawk li jkunu qed ireddgħu u dawk li jkun għadu kemm kellhom tarbija. Ir-Regolamenti jagħtu dawn id-definizzjonijiet:

1. **Mara tqila:** Impjegata li tgħarraf lill-prinċipal tagħha bil-miktub bit-tqala tagħha u li sussegwentement, fi żmien ħmistax-il ġurnata, tgħarraf formalment lill-prinċipal bit-tqala tagħha u bid-data tat-twelid mistennija permezz ta' ċertifikat maħruġ minn tabib jew qabla reġistrata.

*NOTA: Id-definizzjoni ta' mara/impjegata tqila toħroġ mir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impjieg), Leġislażżjoni Sussidjarja 452.91*

2. **Mara li tradda':** Impjegata li qed tradda' tarbija tul perjodu sa sitta u għoxrin ġimgħa wara li tiled u li tkun infurmat lill-prinċipal tagħha bl-istat tagħha permezz ta' ċertifikat maħruġ minn tabib jew qabla reġistrata.

*NOTA: Id-definizzjoni ta' mara/impjegata li qed tradda' tarbija toħroġ mir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impjieg), Leġislażżjoni Sussidjarja 452.91*

3. **Omm:** Mara li tkun reċentement welldet tarbija (ħajja jew mejta), u li tgħarraf b'dan il-fatt lil min iħaddimha permezz ta' ċertifikat maħruġ minn tabib jew minn qabla, u fil-każ ta' mara li twelled tarbija ħajja, għandha tibqa' titqies bħala hekk sa sitt xhur wara t-twelid tat-tarbija.



## X'obbligu hemm fuq l-impjegata meta ssir taf li hi tqila?

Meta impjegata ssir taf li hi tqila għandha immedjatament tinforma lill-min iħaddem bil-miktub. Apparti hekk, fi żmien ħmistax-il ġurnata wara li tgħaddi din l-informazzjoni, l-impjegata kkonċernata għandha wkoll tinforma formalment lil min iħaddem bit-tqala tagħha u bid-data tat-twelid mistennija. Dan għandu jsir b'permezz ta' ċertifikat maħruġ minn tabib jew qabla reġistrata.

Din l-informazzjoni hi neċessarja sabiex min iħaddem ikun jista' jibda b'mod immedjat jaħdem fuq il-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni fir-rigward tal-impjegata li tkun tqila. Il-mument li min iħaddem ikun nfurmat, jidħlu fis-seħħ diversi obbligi li għandhom jiġu osservati sabiex ikun hemm protezzjoni adegwata għal-impjegata li tkun tqila kif ukoll, għat-tarbija tagħha.

F'każ li fil-mument li l-persuna tkun ġiet ingaġġata tkun diġa tqila, omm, jew qed tradda' tarbija, hu importanti li tali persuna tinforma lill min iħaddimha b'dak il-fatt.



## X'inhu l-prinċipju u l-obbligu ewlieni li joħroġ mir-Regolamenti tal-Maternità?

Ir-Regolamenti tal-Maternità huma bbażati fuq il-prinċipju (u provvediment legali) li l-ebda mara tqila, omm jew mara li tradda' tarbija m'għandha titqabbad biex tagħmel xogħol li jista' jqiegħed fil-periklu s-saħħa u s-sigurtà tagħha, is-saħħa jew il-kontinwazzjoni tat-tqala tagħha jew is-saħħa tat-tarbija tagħha.

Fuq il-post tax-xogħol jaf ikun hemm attivitajiet, proċessi, materjal u affarijiet oħra li faċilment jistgħu ikunu ta' periklu kemm għat-tqala innifisha kif ukoll għat-tarbija. Il-perikli jistgħu jkunu ta' natura ġenerika, jew inkella jkunu speċifiċi għat-tqala jew għat-traddiegħ tat-tarbija. Hemm diversi attivitajiet, fatturi u materjal li faċilment jistgħu ikunu ta' periklu bħal per eżempju, xogħol li jinvolvi tqandil perikoluż, vibrazzjoni tal-ġisem kollu, ħsejjes eċċessivi, temperaturi ta' sħana jew kesħa eċċessivi, aġenti kimiċi u bioloġiċi, xogħol fl-għoli u xogħol fuq makkinarju fost oħrajn.

## X'għandu jagħmel min iħaddem kif isir jaf li impjegata tiegħu tkun tqila, qed tradda' jew saret omm?

L-ewwel miżura li min iħaddem għandu jagħmel hi dik tal-evalwazzjoni tal-perikli u tar-riskju (minn issa 'l quddiem imsejjħa bħala "l-evalwazzjoni"). Din l-evalwazzjoni trid tkun speċifika għall-persuna li tkun tqila, qed tradda' jew omm u trid tindirizza l-aspett tal-maternità bi ftit dettal. Tajjeb li jiġi mfakkar li din l-evalwazzjoni għandha ssir qabel ma jingħata x-xogħol lill-persuna kkonċernata.





## X'għandha tkopri l-evalwazzjoni tar-riskju?

Bħala prinċipju u obbligu legali, l-evalwazzjoni trid tkun xierqa, suffiċjenti u sistematika u għandha tqis il-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll, ir-riskji li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Ir-Regolamenti jidħlu fid-dettal fuq in-natura ta' din l-evalwazzjoni. Filfatt, dawn jesiġu li l-evalwazzjoni għandha tqis ix-xorta u l-grad ta' kull periklu li jista' jkun preżenti fuq il-post tax-xogħol. Fl-evalwazzjoni għandu jiġi inkluż ukoll it-tul taż-żmien li hu antiċipat li l-persuni protetti taħt ir-Regolamenti tal-Maternità ser ikunu esposti għall-perikli. Magħdud ma' dan, għandhom jiġu wkoll evalwati u meqjusa r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-mara kkonċernata kif ukoll, ir-riskji għas-sigurtà tal-kondizzjoni tat-tqala jew tat-tarbija f'każ li l-mara tkun qiegħda tradda'.




Ir-Regolamenti tal-Maternità jagħmluha wkoll ċara li l-evalwazzjoni għandha wkoll tindirizza l-perikli u r-riskji fir-rigward tas-saħħa fiżika u mentali tal-mara u għas-sigurtà tat-tqala minħabba l-użu ta' proċessi industrijali, preżenza ta' aġenti kimiċi, fiżiċi jew bijoloġiċi li jkunu qed jintużaw fuq il-post tax-xogħol.

Importanti ħafna li jiġi mfakkar li l-evalwazzjoni għandha tikkunsidra aktar affarijiet minn dawk imsemmija f'din il-gwida bħal per eżempju, r-riskji relatati ma' tqandil, pożizzjoni u movimenti li jsiru mill-mara tqila, l-omm, jew li tkun qed tradda' tarbija. Għalhekk hu dejjem importanti li l-evalwazzjoni tar-riskju ssir minn persuna kompetenti u li l-ħaddiema jkunu nvoluti fil-proċess tal-evalwazzjoni. Irid jiġi mfakkar ukoll li l-proċess tal-evalwazzjoni tar-riskju jaf ikollu bżonn l-involviment ta' speċjalisti u dan skont in-natura tal-każ u ċ-ċirkostanzi.

L-evalwazzjoni għandha wkoll tindirizza numru ta' aġenti li huma miġburin f'lista apposta taħt l-Ewwel Skeda tar-Regolamenti tal-Maternità. Importanti li jiġi mfakkar li l-imsemmija lista mhix waħda eżawrjenti – dan ifisser li l-evalwazzjoni tar-riskju m'għandhiex tkun limitata biss għal-dawk l-aġenti. Fi ftit kliem, kull proċess, prodotti, sistemi, apparat fost oħrajn għandhom ikunu koperti mill-evalwazzjoni u dan sabiex ma jitħalla l-ebda periklu/riskju barra, ikun kemm ikun baxx.

Aspett ieħor importanti tal-evalwazzjoni hi dik tar-reviżjoni tagħha. L-evalwazzjoni trid tiġi riveduta kull meta jkun hemm bidla fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u, jew meta min iħaddem ikollu raġuni sabiex jissuspetta li l-evalwazzjoni ma' tkunx għadha valida.

## X'jiġri jekk l-evalwazzjoni turi li jkun hemm riskju għal mara tqila minħabba l-aġenti, proċessi jew kundizzjonijiet tax-xogħol elenkati fit-Taqsima A tat-Tieni Skeda tar-Regolamenti tal-Maternità jew meta jiġi hekk ordnat mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol?

F'dak il-każ, il-mara tqila ma tista' taħt l-ebda ċirkostanza tintalab biex tagħmel xi xogħol li jinvolvi riskju konsegwenza tal-aġenti, proċessi jew kondizzjonijiet ta' xogħol elenkati fit-Taqsima A tat-Tieni Skeda. F'din it-Taqsima insibu referenza għal aġenti fiżiċi bħal storbju, radjazzjoni jonizzanti, vibrazzjonijiet, estremi ta' bard jew sħana fost oħrajn. Insibu wkoll referenza għal aġenti bijoloġiċi imsemmija fir-Regolamenti relatati mal-Espożizzjoni għal Aġenti Bijoloġiċi fuq il-Post tax-Xogħol, L.S.424.25.

## X'jiġri jekk l-evalwazzjoni turi li jkun hemm riskju għal mara li qed tradda' tarbija minħabba l-aġenti, proċessi u kundizzjonijiet ta' xogħol elenkati fit-Taqsima B tat-Tieni Skeda tar-Regolamenti tal-Maternità jew meta hekk jiġi ordnat mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol?

F'dak il-każ il-mara li tkun qed tred tradda ma tista' taħt l-ebda ċirkostanza tintalab biex tagħmel xi xogħol li jinvolvi riskju tal-aġenti, proċessi u kundizzjonijiet ta' xogħol elenkati fit-Taqsima B tat-Tieni Skeda. F'din it-taqsima nsibu referenza għal aġenti kimiċi fir-rigward ta' ċomb u derivattivi taċ-ċomb. Apparti hekk, m'għandu jkun hemm l-ebda espożizzjoni għal kull aġent ieħor, proċess jew attività ta' xogħol li jistgħu jkollhom effett ħażin fuq il-kapaċità ta' omm li tradda' tarbija.



## L-impjegata kkonċernata jew ir-rappreżentant tal-ħaddiema tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għandhom jiġu informati bil-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni msemmija fl-evalwazzjoni tar-riskju?

Iva, min iħaddem għandu l-obbligu li jgħarraf lill-impjegata kkonċernata jew lir-rappreżentant tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tagħha bir-riżultati imsemmija fl-evalwazzjoni tar-riskju b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni. Għall-aktar informazzjoni dwar l-obbligu ta' min iħaddem fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni lil ħaddiema, għandha ssir referenza għar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Leġislazzjoni Sussidjarja numru 424.18.

## Jista' min iħaddem jobbliga lil mara tqila, omm, jew mara li tradda' tarbija tagħmel xogħol ta' bil-lejl?

Jekk l-imsemmija persuni jagħtu ċertifikat mediku li jkun jiddikjara li x-xogħol bil-lejl jista' jkollu effetti ħżiena fuq it-tqala, jew fuq l-omm, jew fuq it-tarbija, min iħaddem ma jistax jobbligahom biex jaħdmu bil-lejl. Apparti l-provedimenti li nsibu fir-Regolamenti, hemm ukoll provedimenti fir-regolamenti tal-Ħarsien tal-Maternità (Impjieg), L.S.452.91 li jindirizzaw ukoll l-aspett tax-xogħol bil-lejl.

Skont dawn ir-regolameti, id-drittijiet tal-impjegata kkonċernata għandhom ikunu assigurati u fir-rigward ta' pagi, dawn m'għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk stipulati fil-kuntratt tax-xogħol. Apparti hekk, l-impjegata għandha tingħata xogħol li jsir binhar. Jekk ma jkunx jista' jingħata xogħol binhar, din għandha tingħata leave speċjali.



## Għandu jkun hemm faċilitajiet fejn nisa tqal u nisa li jreddgħu tarbija jimteddu u jistrieħu?

Min iħaddem għandu jipprovdi faċilitajiet xierqa fejn nisa tqal u nisa li jreddgħu tarbija jkunu jistgħu jimteddu u jistrieħu f'kundizzjonijiet adatti.

## Jekk l-eżamijiet ta' qabel it-twelid ikunu ħa jsiru matul il-ħinijiet tax-xogħol, x'jiġri f'dak ir-rigward?

F'dak il-każ, l-impjegata li tkun tqila għandha jedd għal ħin liberu u dan mingħajr ebda telf ta' paga jew xi benefiċċju ieħor, sabiex tmur tagħmel l-imsemmija eżamijiet. Importanti li jingħad li min iħaddem għandu dritt jitlob lill-impjegata kkonċernata sabiex tagħtih l-informazzjoni neċessarja li turi l-ħinijiet tal-appuntament/i in kwistjoni.

*Dikjarazzjoni ta' Ċaħda ta' Responsabilità Legali*

*Dawn il-linji gwida huma fformulati sabiex jiprovdu tagħrif ġenerali dwar uħud mill-obbligi legali li joħorġu mir-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll, uħud mill-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni li għandhom jittieħdu sabiex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa u s-sigurtà fir-rigward tan-nisa tqal, nisa li jreddaw tarbija, u ommijiet.*

*Dawn il-linji gwida għandhom jinqraw flimkien mar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà applikabbli. Dawn il-linji gwida ma jikkostitwixxux parir professjonali jew legali u huma għal skopijiet ta' informazzjoni ġenerali biss.*



# **AKTAR**
# INFORMAZZJONI



Awtoritá għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

**Indirizz**: 17, Triq Edgar Ferro, Pietà PTA 1533, Malta
**Nru tat-Telefon**: 21247677
**F'każ ta' Emerġenza wara l-Ħin tax-Xogħol**: 99496786
**Imejl:** ohsa@gov.mt
**Websajt**: www.ohsa.mt
**Facebook:** @ohsamalta
**Niżżel b'Xejn l-App** BSafe@Work

AWTORITÀ
GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ
FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL
ohsa.mt